

31985L0576

31.12.1985

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 372/30

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**ta' l-20 ta' Diċembru 1985 li temenda d-Direttiva 78/1035/KEE dwar l-eżenzjoni mit-taxxa ta' l-importazzjoni ta' konsenji żgħar ta' oġġetti ta' karatru mhux kummerċjali minn pajjiżi terzi**

(85/576/KEE)

Il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 99,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (¹),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (²),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (³),

Billi l-ebda aġġustament ma sar għall-ħelsien mit-taxxa kif prov-dut fid-Direttiva 78/1035/KEE (⁴) kif ġiet emendata bid-Direttiva 81/933/KEE (⁵), rigward l-importazzjoni ta' konsenji żgħar ta' oġġetti ta' natura mhux kummerċjali minn pajjiżi terzi sa minn l-adozzjoni tad-Direttiva 81/933/KEE, riżultanti fwaqgha fil-valur reali ta' l-ghajjnuna minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-konsumatur; billi dilk is-sitwazzjoni għandha tiġi rimedjata;

Billi tafia, saké u xorb ieħor simili jista' jiġi trattat bħala xorb ta' qawwa alkoħolika ta' 22 % vol. jew inqas li għalih bħalissa hemm limitu ta' eżenzjoni tat-taxxa; billi l-lista ta' xorb kopert minn dan il-limitu għandha għalhekk tiżdied;

Billi għandu jissemma spċifikatament illi l-limitu fuq il-kwantità ta' xorb alkoħoliku illi jista' jiġi eżenti japplika a fortiori għall-alkoħol pur,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

**Artikolu 1**

Fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 78/1035/KEE, "35 ECU" għandu hawnhekk jiġi mibdul b"45 ECU".

**Artikolu 2**

L-Artikolu 2(b) fl-ewwel u t-tieni inċiż tad-Direttiva 78/1035/KEE għandu hawnhekk jinbidel b'dan li ġej:

"(b) alkoħol u x-xorb alkoħoliku:

- xarbiet distillati u spirti ta' qawwa alkoħolika li taq-beż it-22 % vol.; etile-alkoħol mhux ż-naturat tat-80 % vol. u iktar: flixkun wieħed normali (sa litru), jew
- xorb distillat u spirti, u aperitivi magħmlulin b'bażi ta' nbid jew alkoħol, tafia, saké jew xorb simili ta' qawwa alkoħolika ta' 22 % vol. jew inqas; inbejjed li jfexxu, inbejjed imsaħħa: flixkun wieħed normali (sa litru)."

**Artikolu 3**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jikkonfomaw ma' din id-Direttiva mill-1 ta' Lulju 1986.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miżuri li jkunu ħadu sabiex japplikaw din id-Direttiva.

**Artikolu 4**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 1985.

**Għall-Kunsill****Il-President**

R. KRIEPS

(¹) ĠU C 167, tas-6.7.1985, pg. 5.

(²) ĠU C 345, tal-31.12.1985.

(³) ĠU C 303, tal-25.11.1985, pg. 5.

(⁴) ĠU L 366, tat-28.12.1978, pg. 34.

(⁵) ĠU L 338, tal-21.11.1981, pg. 24.